MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-23 ta' Awwissu, 2012

Numru 862/2012

***Il-Pulizija***
***(Spettur Trevor Micallef)***
***vs***
***Rami M.A. Almeshay***
***Ziad Mohammed Elallaghi***
***Hosameden Giuma F. Hamal***
***Rakana Mohamed Reda Halwaji***

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Rami M.A. Almeshay** ta’ 25 sena, iben Mustafa u Gadija *nee’* Sudani, imwieled Tripoli nhar it-23 ta’ Novembru 1987 u residenti gewwa Onyx Apartments, Kamra 303, Vjal Portomaso, San Giljan detentur tal-Passaport Libjan numru 447132;

**Ziad Mohammed Elallaghi** ta’ 25 sena, iben Mohammed u Suaad *nee’* Aboukfhen, imwieled Tripoli nhar il-25 t’

Ottubru 1986, u residenti Onyx Apartments, Kamra 303, Vjal Portomaso, San Giljan detentur tal-Passaport Libjan numru 177547;

**Hosameden Giuma F. Hamal** ta’ 26 sena, iben Giuma u Lejla *nee’* Zlitni, imwieled Tripoli nhar it-28 ta’ Marzu 1986, u residenti gewwa Onyx Apartments, Kamra 303, Vjal Portomaso, San Giljan, detentur tal-Passaport Libjan numru 995353;

**Rakana Mohamed Reda Halwaji** ta’ 33 sena, iben Mohamed u Manobia *nee’* Sudani, imwieled Tripoli nhar it-23 t’ April 1979, u residenti gewwa Onyx Apartments, Kamra 303, Vjal Portomaso, San Giljan, detentur tal-Passaport Libjan numru 904481; **u nakkuzhom talli f’ dawn il-Gzejjer fit-22 t’Awwissu 2012 ghal habta tas-sitta ta’ filghodu (06.00a.m) f’ San Giljan;**

1. Minghajr il-hsieb li toqtlu jew tqieghdu l-hajja fil-periklu car, ikkagunajtu feriti ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Aleksandar Atanasov (Art 216 tal-Kap 9);

2. Akkuzati aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamiltu feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ George Atanasov (Art 221 tal-Kap 9);

3. Akkuzati aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qajjimtu rewwixta jew glieda bil-hsieb li taghmlu offiza fuq il-persuni ta’ Aleksandar Atanasov u George Atanasov (Art 238 (b) tal-Kap 9);

4. Akkuzati aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ksirtu il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied (Art 338 (dd) tal-Kap 9);

5. Akkuzati aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qabdu armi strumenti u ghodod ohra li jigi klassifikata bhala arma irregolari (Art 64 (2) tal-Kap 9;

6. Akkuzati aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi tlajja f' xi post pubbliku filwaqt li zammejt f'idejk jew fuq il-persuna tieghek xi kontenitur tal-hgieg;

Rat l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront ta' l-imputati;

Semghet l-ammissjoni bikrija ta' l-imputati;

Semghet is-sottomisjonijiet dwar il-piena kemm mill-partijiet kif ukoll mill-Avukat tal-parte civile;

Semghet lill-Avukat tal-parte civile jinforma l-Qorti li l-imputati ser ikollhom ihallsu l-ispejjez medici bhala rizultat ta' l-incident li nqala;

Semghet li l-imputati accettaw li huma jaghmlu tajjeb ghal tali spejjez la darba jinhareg il-kont mill-isptar;

Rat l-Artikoli 28A u 28H tal-Kap 9;

Il-Qorti, ghalhekk issib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannhom ghall-terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2), liema terminu ma jiddekorriex hlief jekk l-imputati jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija ghal zmien erbgha (4) snin millum u dan skond l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qeghda wkoll a tenur ta' l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-imputati jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez medici kollha ta' l-ahwa Atanasov.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------